

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 145/2009****tal-4 ta' Diċembru 2009****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jidded fil-punt 66s (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

“, kif emendat minn:

- **32008 R 1356**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1356/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

<sup>(1)</sup> ĠU L 334, 17.12.2009, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46.

(\*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.